# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 818/2013

## tat-28 ta' Awwissu 2013

## li jemenda l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-użu tal-esteri tas-Sukrożju tal-aċidi grassi (E 473) fl-aromatizzanti għax-xarbiet ċari bit-togħma abbażi tal-ilma

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel ([1]), u partikolarment l-Artikolu 10(3), u l-Artikolu 30(5) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 jistabbilixxi lista ta' addittivi tal-ikel tal-Unjoni approvati għall-użu tal-aromatizzanti tal-ikel, u l-kundizzjonijiet tal-użu tagħhom.

(2) Din il-lista tista' tiġi emendata bil-proċedura komuni msemmija fir-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi tal-ikel, l-enżimi tal-ikel u l-aromatizzanti tal-ikel ([2]).

(3) Skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008, il-lista tal-Unjoni ta' addittivi tal-ikel tista' tiġi aġġornata jew fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni jew wara li ssir applikazzjoni.

(4) Applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-użu tal-esteri tas-Surkożju tal-aċidi grassi (E 473) bħala emulsjonanti fl-aromatizzanti ġiet sottomessa fl-20 ta' Awwissu 2008 u tpoġġiet għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri.

(5) L-emulsjonanti huma meħtieġa sabiex jistabbilizzaw l-amoratizzanti żejtnija meta dawn huma miżjuda fix-xorb abbażi tal-ilma. Mingħajr iż-żjieda tal-emulsjonant, iż-żejt aromatizzanti ma jkunx solubbli u jidher fuq il-wiċċ tax-xorb bħala ċirku żejtni. Dan jevita t-tixrid tal-aromatizzanti fix-xarba u jżid l-esponiment tagħha għall-ossiġnu, li jwassal għal tnaqqis fl-aċċettabilità organolettika. Dan jagħmel ukoll l-iżvilupp tax-xarbiet ċari estremament diffiċli. Dawn il-kwistjonijiet jistgħu jingħelbu sa ċertu punt bl-użu taż-żjut maħsulin, madankollu dawk inaqqsu l-aċċettabilità organolettika. L-użu tal-esteri tas-Sukrożju tal-aċidi grassi jippermetti xarbiet ċari, b'funzjonalità mtejba tal-aromatizzanti miżjudin.

(6) Skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008, il-Kummissjoni għandha tfittex l-opinjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel sabiex taġġorna l-lista tal-Unjoni ta' addittivi tal-ikel imniżżla fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008.

(7) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ħarġet l-opinjoni tagħha dwar l-esteri tas-Sukrożju tal-aċidi grassi (E 473) u stabbiliet id-Doża Aċċettabbli ta' Kuljum ta' 40 mg/kg bw/jum ([3]). L-esponiment għall-esteri tas-Sukrożju tal-aċidi grassi li jirriżulta mill-użu addizzjonali propost għall-użu fix-xarbiet ċari mhux alkoħoliċi aromatizzanti jirrappreżenta inqas minn 0.1 % tad-DAK ([4]). Meta wieħed iqis li l-esponiment, minħabba l-użu addizzjonali ta' dan l-addittiv, huwa negliġibbli meta mqabbel mad-DAK, dan l-użu addizzjonali tal-esteri tas-Sukrożju tal-aċidi grassi (E 473) x'aktarx ma jħallix effett fuq is-saħħa tal-bniedem.

(8) Huwa għalhekk xieraq li jkun awtorizzat l-użu tal-esteri tas-Sukrożju tal-aċidi grassi (E 473) bħala addittiv fl-ikel fl-aromizzanti għax-xarbiet ċari bit-togħma u abbażi tal-ilma.

(9) Għaldaqstant, l-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 għandu jiġi emendat skont dan.

(10) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali, u la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma opponewhom,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16.
([2]) ĠU L 354, 31.12.2008, p. 1.
([3]) Il-Ġurnal tal-EFSA (2004) 106, 1-24.
([4]) The EFSA Journal 2012; 10(5):2658.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Awwissu 2013.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
José Manuel BARROSO

*ANNESS*

Fil-Parti 4 tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008, l-annotazzjoni li ġejja qed tiddaħħal wara l-annotazzjoni għall-addittiv tal-ikel E 459:

| | | | |
|---|---|---|---|
| "E 473 | Esteri tas-Sukrożju tal-aċidi grassi | L-aromatizzanti għax-xarbiet ċari bit-togħma abbażi tal-ilma li jappartjenu lill-kategorija 14.1.4 | 15 000 mg/kg fl-aromatizzanti, 30 mg/l fl-ikel finali" |